MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Numru 53/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur S Zrinzo Azzopardi)**

**vs**

**Brian Seychell**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra Brian Seychell ta' 27 sena bin Saviour u Catherine nee' Cilia imwieled Pieta' nhar it-3 ta' Lulju 1975 u li joqghod "Ospey", 170, Triq il-Friefet, Marsascala u detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 364975 M.

Akkuzat:

1. talli fit-19 t'Ottubru, 2002 ghal habta ta' nofs inhar (1200) gewwa Triq Lazzru Pisani, f'Haz-Zebbug,

Malta volontajament hassa jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli liema ammont huwa ta' aktar minn hames mitt lira billi ghamilt diversi hsarat fuq il-vettur numru CAQ 945 tal-marka Skoda Favorit ghad-danni ta' Mario Vella minn Haz-Zebbug.

2. talli fl-istess data, hin u cirkostanzi gewwa Vjal il-Helsien, Zebbug, Malta, u kif ukoll gewwa Triq Lazzru Pisani f'Haz-Zebbug, Malta kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Mario Vella minn Haz-Zebbug skond kif iccertifika t-Tabib Joseph Galea tac-Centru tas-Sahha tal-Furjana, kif ukoll skond kif iccertifika Mr Ray Gatt Consultant Orthopaedic Surgeon.

3. talli fl-istess data, hin u cirkostanzi gewwa Vjal il-Helsien, Zebbug Malta, kif ukoll gewwa Triq Lazzru Pisani, f'Haz-Zebbug Malta hebb kontra l-persuna ta' Mario Vella minn Haz-Zebbug sabiex jingurja, jdejjaq jew jaghmlilha hsara.

4. talli fl-istess data, hin u cirkostanzi gewwa Vjal il-Helsien, Zebbug Malta, kif ukoll gewwa Triq Lazzru Pisani, f'Haz-Zebbug Malta volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

5. talli fl-istess data, hin u cirkostanzi gewwa Vjal il-Helsien, Zebbug Malta, kif ukoll gewwa Triq Lazzru Pisani, f'Haz-Zebbug Malta ghed fil-pubbliku xi kliem oxen jew indicenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor offendejt il-motali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika.

6. talli fl-istess data, hin u cirkostanzi gewwa Vjal il-Helsien, Zebbug Malta, kif ukoll gewwa Triq Lazzru Pisani, f'Haz-Zebbug Malta bhala ufficjal pubbliku u cioe' Membru tal-Pulizija ta' Malta filwaqt li kellu jissorvelja biex ma jsirux jew minhabba l-kariga tieghu kellu id-dmir li jimpedixxi milli jsiru reati u ma ghamilx dan skond kif titlob il-Ligi.

7. Il-Qorti f'kaz ta' kundanna, minbarra l-piena hija gentilment mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-

persuna ta’ Mario Vella u l-familjari tieghu jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht peneali ta’ soma ta’ flus li tigi ffissata mill-Onorabbli Qorti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni f’liema ammissjoni huwa ppersista anke wara li nghata zmien jikkunsidra;

Ikkunsidrat:

Illi fl-atti hemm iz-zewg stqarrijiet tal-protagonisti li taw lok ghal dan il-kaz.  Hu ovvju almenu ghal din il-Qorti illi l-kwerelant ghandu jerfa’ parti mit-tort.

Fuq l-iskorta tal-ammissjoni tal-imputat li hi ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta’ sitt xhur mil-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 u dan wara li reat l-Artikolu 325, 221, 338, 339, 109 u 41 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------